# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 512/2024/1 TA**
**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 511/2024 fl-ismijiet:**

**Josette Humphreys**
**Vs**
**Simon Grech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Simon Grech (ir-rikorrent) tal-10 ta' Lulju 2024.

Rat ir-risposta ta' Josette Humphreys bħala mandatarja tal-Assenti Dominic Humphreys (l-intimata) tat-23 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla' għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa rikors ai termini ta' l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bis-saħħa tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru esekuttiv numru 511/2024. Ir-rikorrent qiegħed jinsisti li għandu raġuni valida skond il-liġi skond dan l-artikolu biex jottjeni r-revoka tal-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri peress li l-Avukat Joseph Schembri aċċetta li jirrinunzja għall-ispejjeż tal-Kawża mertu tal-mandat inkwistjoni.

Din l-asserzjoni qed issir abbażi ta' numru ta' telefonati li għaddew bejn ir-rikorrent u l-avukati tal-partijiet. Pero' ir-rikorrent jagħmel ukoll referenza għall-email tal-10 ta' Mejju 2024 bħala konferma ta' din ir-rinunzja li fiha l-uniċi kliem "*Bonġu, I have already sought instructions from my Client*". Di fatt huwa minnu l-Avukat inkwistjoni kien ħa struzzjonijiet mingħand il-klijenta tiegħu u dan skond korrispondenza wkoll li ġġib l-istess data fejn meta mitluba tgħid jekk tridx li tneħħi l-mandat inkwistjoni t-tweġiba kienet kategorikament ċara *"..most definitely not. Please garnishee in order*" (a' fol 25). Dan ikkonfermatu wkoll bil-ġurament fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2024. Għalhekk din il-Qorti temmen li l-ittra li jagħmel referenza għaliha r-rikorrent trid tinqara fil-kuntest ta' dak li qalet l-intimata lill-Avukat tagħha. Fl-ittra tal-10 ta' Mejju 2024, l-avukat Schembri kull ma qal kien li ħa struzzjonijiet mingħajr ma speċifika x'kienu.

Issa l-Qorti fehmet li r-rikorrent qiegħed jistrieh fuq l-artikolu 695 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"(1) Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni, magħmula bil-fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, tista'titreġġa' lura bil-mezz ta' nota, f'kull waqt tal-kawża, ukoll fil-qorti fi grad ta' appell, qabel is-sentenza, basta li ma jiġix ippruvat illi l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkarigu speċjali tal-parti.Il-preżentata biss tal-att mill-parti ma tagħmilx prova tal-inkarigu mill-parti lid-difensur.*

*(2) Il-preżentata biss ta' att fil-qorti mill-parti nfisha, mingħajr ċirkostanzi oħra, ma tagħmilx prova li l-avukat jew il-prokuratur legali għamel id-dikjarazzjoni jew l-allegazzjoni ta' fatt b'inkarigu speċjali tal-part*i".

Skond il-ġurisprudenza d-difensur ta' parti għandu jitqies bħala mandatarju speċjali tal-klijent tiegħu (ara G**. Debono vs G. Debono App 13 ta' Marzu 1953 Vol 37 p 1 p 99**). L-avukat huwa mandatarju speċjali tal-klijent ai finijiet tal-kawża. Pero' ai finijiet ta' Kawża kif fil-fatt jispeċifika b'mod ċar dan l-istess artikolu. Issa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti mhux il-proċedura ta' kawża iżda dik tal-esekuzzjoni ta' Kawża, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma humiex l-istess ħaġa tant li ntqal li l-Artikolu 695 tal-Kap. 12 ġie inserit mil-leġislatur biex jevita milli tinħoloq inġustizzja mal-parti jew mal-avukat tagħha skond il-każ, meta jkun irriżulta li jeżisti xi nuqqas ta' koordinazzjoni bejn dak li suppost sar u dak li fil-fatt sar (Ara **Sentenza tat-8 ta' Jannar, 2010 Appell Ċivili fl-ismijiet Emanuel u Maryanne konjugi Theuma -vs- Ganni Vella u Joseph Attard**). Ġie wkoll spjegat li l-liġi tgħid

espressament illi stqarrija ta' avukat ma torbotx lill-parti patroċinata minn dak l-avukat a' contrario sensu, stqarrija magħmula mill-parti stess torbot lill-parti, u ma tistax titreġġa' lura ( Ara **Sentenza tal-Appell Superjuri tal-25 ta' Ġunju, 2010 fl-ismijiet Mario u Francesca Saveria konjugi Mifsud -vs- Mary u Anthony Spiteri**).

Fl-aħħar nett irid jingħad li artikolu 1733 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li t-transazzjoni dwar kawża li tkun spiċċat b'sentenza li għaddiet f'ġudikat, meta l-partijiet jew waħda minnhom ma kinux jafu biha, hija wkoll nulla. Ergo meta jkunu jafu biha, dik il-Kawża tista' tkun mertu ta' transazzjoni.

Issa ma għandu jkun hemm dubbju, li għalkemm tassew qiegħed jingħad li Dr. Joseph Schembri aċċetta li jneħħi l-mandat li fi kliem l-istess rikorrent għaliex "*irrinunzja għal-ispejjes tal-Kawża*" (a' fol 2). Lanqas m'għandu jkun hemm dubbji dwar il-kap tal-ispejjes, li huma ukoll parti integrali mill-ġudikat.

Għalhekk dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex tifhem li bir-rinunzja msemmija ġiet transatta parti minn dik is-Sentenza li marret in ġudikat definittivament bl-aħħar sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Issa artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

*"(1) Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jewb'kitba privata, taħt piena ta' nullità –*

*(a) il-ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd ieħor fuq dawk il-beni;*

*(b) il-wegħdiet ta' self għall-użu jew mutuum;*

*(ċ) il-garanziji;*

*(d) it-transazzjoni;*

*(e) il-kiri ta' immobbli għal żmien ta' iżjed minn sentejn għal dak li hu bini, jew minn erba' snin, għal dak li huraba';*

*(f) is-soċjetajiet ċivili; u Kap. 5.*

*(g) għall-finijiet tal-Liġi dwar il-Wegħdiet ta' Żwieġ, kull wegħda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija*" (Emfazi tal-Qorti).

Għalhekk fid-dawl tal-fatt li transazzjoni ta' kawża, li marret in ġudikat, ma hiex eskluża mil-liġi u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1733 fuq imsemmi, anke kieku dak li qed isostni r-rikorrent huwa minnu, ir-rinunzja inkwistjoni ammontanti għal transazzjoni kif ingħad, kellha issir taħt piena ta' nullita' bil-miktub. Għalhekk ma jiswew xejn it-telefonati li jissemmew li għaddew kif fuq ingħad.

Għalhekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li r-rikorrent m'għandux raġuni valida fil-liġi biex jitlob ir-revoka tal-mandat odjern.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tiegħu.

**Illum, 30 ta' Lulju 2024**

**Onor Imhallef Toni Abela**